# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tat-Hamis 18 ta' April 2024**

**Talba nru. 194/2023**

**GM CORPORATE AND FIDUCIARY SERVICES LIMITED**
**(C-22760)**

*VERSUS*

**SPYROS SKLAVENTIS**
**(PASSPORT AP0876273)**
**U B'DIGRIET MOGHTI FL-24 TA' SETTEMBRU 2023, GIE MAHTUR BHALA KURATUR DEPUTAT**
**DR. JOSEPH BONNICI**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talbaipprezentat fil-25 ta' Mejju 2023 (Fol 1 et seq), is-socjeta attrici talbet lill-konvenut jigi ordnat ihallasha s-somma ta' tlett elef erbgha mija tmienja u sittin Ewro hamsa u disghin centezmu (Eur 3,468.95) rapprezentanti ammont ghal servizzi moghtija a bazi ta' Fiduciary Agreement datat 12 t'Ottubru 2022.

Ra r-rikors tas-socjeta attrici tat-13 ta' Lulju 2023 fejn intalab in-nomina ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Spyros Sklaventis.

Ra d-digriet moghti fit-13 ta' Lulju 2023 fejn laqa t-talba ghan-nomina ta' kuraturi deputati.

Ra l-pubblikazzjoni tal-bandu tal-kuraturi fil-Gazzetta tal-Gvern datat 22 t'Awwissu 2023 kif ukoll il-pubblikazzjoni f'zewg gazzetti lokali datati 29 ta' Awwissu 2023 u 30 t'Awwissu 2023. (Fol.35 et seq).

Ra d-digriet datat 24 ta' Settembru 2023 fejn gie nominat Dr. Joseph Bonnici bhala kuratur Deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Spyros Sklaventis.

Illi l-kuratur Deputat gie notifikat bl-Avviz tat-Talba fit-3 t'Ottubru 2023 u tressqet risposta fit-12 t'Ottubru 2023 fejn gie eccepit illi s-socjeta attrici ghandha tipprova li ghamlet in-notifika lill-konvenut kif titlob il-ligi u li l-kuratur deputat mhux edott mill-fatti u li kwalnkwe talba ghandha tkun ippruvata.

Sema x-xhieda ta' Sarah Engerer.

Ra d-dokumenti pprezentati.

Ra illi l-kuratur deputat irrimetta ruhu ghall-atti tal-kawza.

Ra l-atti processwali.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din hija talba ghal hlas ta' servizzi professjonali li twettqu mis-socjeta attrici lill-konvenut, liema ammont ta' Eur 3468.95 baqghu ma thallsux mill-konvenut.

Illi primarjament, dan it-Tribunal ra illi s-socjeta attrici ippruvat tinnotifika lill-konvenut fl-indirizz f'Malta izda stante illi dan kien assenti mill-pajjiz, is-socjeta attrici kellha twettaq il-procedura tal-bandu sabiex il-konvenut ikun rapprezentat minn kuraturi deputati. Ghaldaqstant fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni moghtija mill-kuraturi, dan it-Tribunal qieghed jiddeciedi illi s-socjeta attrici imxiet mad-dettami tal-ligi u la ma hemm l-ebda ostaklu sabiex il-procediment ikompli.

Illi ghar-rigwad tal-mertu tal-kawza, t-Tribunal jinnota illi s-socjeta attrici pproduciet il-*Fiduciary Agreement* datat 12 t'Ottubru 2022 illi sar l-ghada illi kien gie iffirmat il-*Client's Engagement Agreement* li jinkorpora fih anke skeda ta' hlasijiet ghal servizzi moghtija mis-socjeta attrici. (Fol 12 et seq). Flimkien ma' dawn id-dokumenti, is-socjeta attrici ipprezentat ukoll l-invoices dettaljati ghas-servizzi moghtija.(Fol.25-28).

Fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2023, xehedet Sarah Engerer in rapprezentanza tas-socjeta attrici illi stqarret illihija tokkupa l-kariga ta' direttur u li din il-kawza saret minhabba illi kien hemm ammonti dovuti lilom ghal servizzi moghtija. Mistoqsija in kontro-ezami ma min kien sar il-ftehim jekk hux mal-konvenut personalment jew mas-socjeta tal-konvenut, ix-xhud wiegbet illi kien sar mal-konvenut b'mod personali. Dan il-fatt johrog ukoll mid-dokumenti li saret referenza iktar qabel ghalihom, fejn id-dokumenti kollha iffirmati mill-konvenut a bazi personali.

Ix-xhud ziedet ukoll illi l-informazzjoni li ghandha hi tindika illi l-konvenut m'ghandu l-ebda residenza Malta u l-komunikazzjoni kienet issir b'emails.

Illi dan it-Tribunal, wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' ix-xhieda tar-rapprezentanta tas-socjeta attrici, Sarah Engerer, ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba. It-Tribunal ha kont ta' dak li gie affermat bil-gurament mix-xhud u d-dokumenti relattivi ipprezentati bil-firma tal-konvenut u bit-termini u l-kundozzjonijiet spjegati b'mod car.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mis-socjeta attrici u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' tlett elef erbhga mija tmienja u sittin Ewro u hamsa u disghin centezmu (Eur 3,468.95) bl-imghaxijiet ta' 8% li jibdew jiddekkoru mill-25 ta' Mejju 2023 u jibqaw hekk ghaddejjin sad-data tal-hlas finali. Spejjez ta' din il-kawza huma a karigu tal-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur